**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors numru : 115/18 AL

AB

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Awwissu 1992 **[Dok. A**], mil-liema zwieg twieled zewgt ulied, it-tnejn bniet, li jisimhom Raisa u Rebecca, illum it-tnejn ta' eta` maggorrenni.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fid-9 ta' Ottubru, 2015 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Reuben Debono [**Dok. B**]. Pero` qabel dan il-kuntratt l-partijiet kienu ilhom aktar minn tlett snin isseparati de facto u dan

peress li l-intimata kienet abbandunat id-dar matrimonjali u bdiet relazzjoni ohra.

3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin separati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni.

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejnu u bejn C D.

Talab prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta‘ Awwissu 1992.

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra l-istess divorzju u/jew il- hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat illi fuq domanda tal-Qorti il-partijiet iddikjaraw li ilhom aktar minn ghaxar snin de facto separati minn xulxin;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Ottubru 2015, u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.